1 ta' Ġunju 2018
58/2018

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL ĠUNJU 2018**

Is-Sibt 2 ta' Ġunju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-aħħar Quddiesa tat-Tridu tal-festa San Ġużepp, Ħal Għaxaq.

Il-Ħadd 3 ta' Ġunju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Pontifikal fis-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ġesù (Corpus Christi) fil-Katidral tal-Imdina, flimkien mal-Kapitlu u mas-saċerdoti li qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali tal-ordinazzjoni tagħhom. Il-Quddiesa tkompli bil-purċissjoni bl-Ewkaristija mat-toroq ewlenin tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

L-Erbgħa 6 ta' Ġunju, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fis-Santwarju Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, li fiha jamministra s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina lit-tfal li jattendu l-iskola St Francis, B'Kara.

Is-Sibt 9 ta' Ġunju, fit-8:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa lejlet il-festa ta' San Filep ta' Aġira, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.

Il-Ħadd 10 ta' Ġunju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li fiha jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa Madonna ta' Lourdes, Raħal Ġdid.

Is-Sibt 23 ta' Ġunju, lejlet is-Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista, fil-5:00 p.m., Monsinjur Arċisqof imexxi traslazzjoni bir-relikwa tal-qaddis mill-Oratorju għall-artal tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Wara jmexxi l-Ewwel Għasar tas-Solennità flimkien mal-Kapitlu Metropolitan u membri tal-Ordni ta' San Ġwann, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Il-Ħadd 24 ta' Ġunju, Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann il-Battista, fid-9:15 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi Pontifikal, bis-sehem tal-Kapitlu Metropolitan, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana, FRN 1520

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Il-Ħamis 28 ta' Ġunju, fil-5:30 p.m., lejlet is-Solennità ta' San Pietru u San Pawl, Monsinjur Arċisqof imexxi Traslazzjoni Solenni tar-relikwi mill-Grotta ta' San Pawl ir-Rabat għall-Katidral tal-Imdina mal-Kapitlu Metropolitan, u wara jmexxi l-kant tal-Ewwel Għasar.

Il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju, fid-9:30 a.m., Monsinjur Arċisqof imexxi jiċċelebra Pontifikal fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl, bis-sehem tal-Kapitlu Metropolitan, fil-Katidral tal-Imdina. Il-Quddiesa ser tixxandar 'live' fuq il-Youtube Channel tal-Knisja f'Malta.

Is-Sibt 30 ta' Ġunju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa, lejlet il-festa tal-Madonna ta' Lourdes, fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana, FRN 1520

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**